MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 206/2009

**GO p.l.c. (C-22334)**

**Vs**

**Antonella Vassallo (I.D. Nru. 469966M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba li permezz tieghu s-socjetà attrici titlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' sitt mija sebgha u hamsin Euro u erbatax-il centezmu (€657.14) rapprezentanti hlas dovut lis-socjetà attrici in konnessjoni ma' servizzi telefonici li jgibu n-numri 21384051 u 21384052 skond diversi kontijiet mibghuta lill-konvenuta u annessi ma' l-Avviz tat-Talba bhala Dok. "IZY1" u Dok. "IZY2"; bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet notifikata bil-procedura ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni bl-Avviz tat-Talba u bl-avviz tas-smigh tas-seduta, ma ikkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenuta ma dehritx sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk tali Kapitolu ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici bhala Dok. “IZY1” u Dok. “IZY2”.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta’ sitt mija sebgha u hamsin Euro u erbatax-il centezmu (€657.14), bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz tat-Talba sad-data ta’ l-effettiv pagament. L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------